# MALTA

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tat-03 ta' Frar, 2017.**

**Talba numru:- 285/2016 AM3**

**Lista Numru:-44**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa (MRS 1501)**

**Vs**

**Justin Cini (K.I. 323291M)**

**Flat 24, Blokk E,**

**Triq il-Gilju,**

**Haz-Zabbar**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Lulju, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u ghaxar ewro u tmienja u sebghin centezmu (€710.78c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40241193.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u deher ghas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2016 u talab li jinghata zmien biex jikkontesta t-talba. It-Tribunal skont il-verbal tal-istess seduta laqa' t-talba tal-konvenut u akkordali tmintax-il jum zmien mid-data tal-25 ta' Novembru, 2016 sabiex jipprezenta r-risposta tieghu u halla l-kawza ghas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017. Izda l-konvenut la deher u lanqas ipprezenta r-risposta tieghu u ghalhekk fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 t-Tribunal ddikjara lil konvenut kontumaci.

Ra x-xhieda permezz ta' l-affidavit ta' Mary Anne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' seba' mija u ghaxar ewro u tmienja u sebghin centezmu (€710.78c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mill-15 ta' Marzu, 2016 d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali relatata mal-ammont mitlub f'din il-kawza, huma a kariku tal-konvenut

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**